MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru 1206/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs.**

**Silvius Pileandra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Silvius Pileandra**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben Aurel u Marioaria neé Kirja, inwieled Galaz (Romanja) fis-26 ta' Dicembru 1986, residenti fil-fond 'Gianluca Flats', Flat Numru 2, Triq il-Gabilott, Swieqi, detentur tal-Karta tal-Identita' Rumena GL 5110453 akkuzat talli:

(a) Nhar it-12 ta' Novembru 2012, ghal habta ta' nofsinhar (12.00hrs) gewwa l-fond 'Summit Importers', Triq il-Balal, San Gwann, seraq € 4000.00 ghad-detriment

ta' Matthew Sammut, detentur tal-Karta tal-Identita' 0106785(M), liema serq huwa aggravat bil-valur;

(b) Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

(c) Talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija (kif jirrizulta mill-istqarrija (Dok. "JM 1") rilaxxata minnu) u l-fatt li l-imputat huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali tal-imputat, li ghalkemm mhijiex wahda netta, mhijiex wahda allarmanti, fil-fatt l-imputat ghandu kundanna wahda biss, li hija s-sentenza ta' prigunerija sospiza li ssir riferenza ghaliha fit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi, waqt is-sottomissjonijiet dwar il-piena, il-Qorti semghet li l-imputat ghandu problemi psikologici u li ghandu bzonn l-ghajnuna, u dana anke ai fini tar-riabilitazzjoni tal-

imputat, u, ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li timponi piena ta' prigunerija fil-konfront tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(a) ma ddahhalx is-sentenza sospiza fis-sehh dana bl-ghan, fost l-ohrajn, li waqt li l-imputat ikun qed jiskonta piena ta' prigunerija, jirrealizza l-izbalji li ghamel u li meta jkun skonta tali piena ta' prigunerija xorta jibqa' taht l-iskrutinju tas-sentenza sospiza li tkun ghadha fis-sehh. Fir-rigward tal-piena ta' prigunerija, il-Qorti tilqa' ir-rakkomandazzjoni da parte tad-difiza, li ma kienx hemm oggezzjoni ghaliha mill-Prosekuzzjoni, li l-imputat jiskonta l-piena ta' prigunerija fit-taqsima forensika tal-Isptar Monte Carmeli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 28B(1), 49, 50, 261(c), 267, 279(b) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Silvius Pileandra hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li, fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28B(2)(a), u ghar-ragunijiet fuq premessi, taghzel li ma ddahhalx fis-sehh is-sentejn prigunerija imposti fuq l-imputat permezz ta' sentenza datata 3 ta' Ottubru 2012.

Il-Qorti tirrakomanda li l-imputat jiskonta l-piena ta' prigunerija fit-taqsima forensika tal-Isptar Monte Carmeli.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------